MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 774/2005

**Borg Transportation Ltd (C-9485)**
**vs**
**Waste Control Services Limited (C-3843)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 t'April, 2005, fejn intalab il-hlas ta' seba' mija u hamsa u sebghin lira Maltija u zewg centezmi (Lm775.02), rapprezentanti prezz ta' diesel mibjugh u kkonsenjat lis-socjeta` konvenuta illi baqa' ma thallasx.**

**Is-socjeta` attrici qed titlob l-imghax bit-8% fis-sena mid-dati tal-fatturi ndikati fuq il-prospett anness ma dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv.**

**Is-socjeta` attrici qed titlob ukoll l-ispejjez ta' dina l-istanza, nkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' l-avviz.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-3 ta' Mejju, 2005 ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' seba' mija u hamsa u sebghin lira Maltija u zewg centezmi (Lm775.02) bl-imghax legali mid-9 ta' Marzu, 2004.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi nkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment ma' l-avviz, ghandhom jigu sopportati unikament mis-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------